# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 12/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Keith Pace**

Illum 28 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Keith Pace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 327480(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-31 ta' Ottubru 2019 għall-ħabta ta' 18:20hrs ġewwa Triq Joseph Scolaro u f'diversi toroq oħra, Santa Venera:

1. naqas u/jew irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-Pulizija jew uffiċjal ieħor meta talabhom waqt il-qadi ta' dmirijietu, ismu u kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;

2. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorita' oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma ħalliex, jew fixkilhom jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliehomx jagħmlu jew ħassar dak li kienu qed jagħmlu;

3. waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jilbes ċintorin tas-sigurta';

4. saq vettura bil-mutur fit-triq waqt li żamm jew uża b'idejh telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja;

5. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

6. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

7. qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

8. bħala persuna volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon-ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor;

9. bħala persuna nġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, ċioè lil PC 1363, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li qed jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżа' jew jinfluwixxi kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz;

10. tefa, rama, ħalla, waqqa, qiegħed jew iddepożita xi trab, ħmieġ, karta, rmied, ċikka ta' sigarett, żibel, kaxxa, bittija jew kull artikolu jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku;

11. ikkommetta reat li hu punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu attiv tas-sentenza sospiża mposta fuqu datata 14 ta' Lulju 2015 u 14 ta' Ġunju 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale LL.D. u Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D..

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti:

- illiberat lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mis-seba' (7) u mit-tmien (8) imputazzjoni stante illi kienu preskritti bi trapass ta' tliet xhur;

- sabet lill-imputat ħati tal-ħames (5) imputazzjoni (Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta), tas-sitt (6) imputazzjoni (Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta), tad-disa' (9) imputazzjoni (Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), tal-għaxar (10) imputazzjoni (Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta abbinat ma' Artikolu 4(a) tal-Ewwel Skeda), ta' imputazzjoni numru ħdax (11) fir-rigward biss tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017 stante li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-14 ta' Lulju 2015 kien laħaq skada (Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

- fir-rigward tas-sentenza sospiża tal-14 ta' Ġunju 2017 ittrattat mal-imputat billi ordnat illi din tidħol fis-seħħ u għalhekk ikkundannat lill-imputat għal piena ta' sentejn priġunerija;

- fir-rigward tal-imputazzjonijiet li nstab ħati tagħhom, ikkundannat lill-imputat iħallas multa ta' elf, erba' mija u erbgħin Euro (€1,440) pagabbli f'sitta u tletin (36) pagament mensili ugwali, skwalifikatu milli jkollu liċenzja jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ħames (5) xhur u mponiet ħames (5) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellant Keith Pace ppreżentat fis-27 ta' Jannar 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi, tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u b'hekk tordna illi l-atti*

*għandhom jiġu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex l-appellant ma jiġiex privat mill-benefiċċju tad-doppio esame; fin-nuqqas ta' dan, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ħames, sitt, disgħa, għaxar u ħdax-il imputazzjoni miġjuba kontrih, u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu għal piena nflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' April 2023 din il-Qorti tat sentenza fejn permezz tagħha ġie miċħud l-ewwel aggravju tal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-aggravji l-oħra li kienu għadhom mhux deċiżi.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza finali dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu liema aggravji kienu għadhom mhux deċiżi.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn din illiberatu mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mis-seba' (7) u mit-tmien (8) imputazzjoni u jitlob ukoll li l-istess sentenza tiġi mħassra u rrevokata fejn sabitu ħati tal-ħames (5), tas-sitt (6), tad-disa' (9), tal-għaxar (10) u tal-ħdax (11) il-imputazzjoni miġjuba

kontrih u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. Fin-nuqqas jitlob li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu tiġi mibdula għal piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma sempliċi. Fl-affidavit tiegħu, PC 1363 Alessio Spiteri jgħid li fil-31 ta' Ottubru 2019 għal ħabta ta' 15:30hrs waqt li kien għaddej fuq ronda nnota li l-imputat allura appellant kien qed isuq waqt li kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone* tiegħu. Meta PC 1363 Spiteri nnota dan huwa talab lill-appellant sabiex jersaq mal-ġenb u talbu l-Karta tal-Identita' jew il-liċenzja tas-sewqan tiegħu. F'dan il-punt jingħad li l-appellant qallu li huwa ma kellu xejn fuqu u li setgħu jmorru l-Għassa fejn kien jiffirma. Skont PC 1363 Spiteri, f'dan il-mument l-appellant saq b'dan illi pprova jaħrab minn fuq il-post bil-konsegwenza li hu (PC 1363) mar warajh u minn hemm żviluppat ċerta kommozzjoni fejn skont PC 1363 ġie mgħajjar u wara li ħareġ iċ-ċitazzjoni l-appellant remiha mal-art. PC 1363 Spiteri jkompli jgħid li ġie avviċinat minn persuna li identifika ruħu bħala z-ziju tal-appellant li skuża ruħu dwar l-imġieba tal-appellant u allegatament talab sabiex il-biċċa ma tikbirx.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji, fejn l-ewwel wieħed minnhom diġa' ġie miċħud permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' April 2023. Qabel tipproċedi ulterjorment dwar l-aggravji l-oħra, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti,

> iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant li huwa msejjaħ "Apprezzament Żbaljat tal-Provi" huwa maqsum fis-segwenti:

- Prinċipji Ġenerali;
- Il-Post, il-Lokalita' u l-Ħin tal-Akkużi Miġjuba Kontra l-Appellant;
- Verżjonijiet Differenti;
- Sewqan Perikoluż vs. Nuqqas ta' Kont.

Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u li kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha. Ikompli jgħid li rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, l-Ewwel Qorti kien messha lliberatu. L-appellant jisħaq li l-livell ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni jrid ikun mingħajr dubju raġonevoli.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 374/2022) fejn dwar kunflitt ta' provi din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**,[1] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-**verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."

Illi l-appellant jilmenta li la l-post, la l-lokalita' u lanqas il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni ma jsibu riskontru fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Huwa jirreferi għal fatt li ċ-ċitazzjoni fejn hemm imniżżla l-imputazzjonijiet li huwa ġie akkużat bihom issemmi li hu *"għal ħabta ta' 18:20hrs"* ikkommetta r-reati in kwistjoni mentri l-affidavit ta' PC 1363 Alessio Spiteri jsemmi li kienu fuq ronda *"għal ħabta ta' 15:30hrs"*. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni f'dan is-sens fiċ-ċitazzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa minnu li fiċ-ċitazzjoni hemm imsemmi il-ħin 18.20hrs waqt li fir-rapport (*a fol.* 35 *et seq.*) u fl-affidavit ta' PC 1363 Alessio Spiteri (*a fol.* 2 *et seq.*) hemm imsemmi l-ħin *"għal ħabta ta' 15:30hrs"*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2018 fl-

[1] "Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono."

ismijiet **Il-Pulizija vs. Fr. Michael Camilleri et** (Numru 440/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**, li kienet titratta dwar il-partikularitajiet taż-żmien fiċ-ċitazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:
>
> *"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament grat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li gara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. ..... Il-Prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-Prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb tagħmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."*
>
> Illi dan l-istess prinċipju ġie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.[2] Dan għaliex il-Qorti qatt ma tista' issib ħtija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun seħħ mhux biss fi żmien ieħor, iżda ukoll f'xi post ieħor mhux dak indikat fl-akkuża, ċirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-każ imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan għaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif għandha tiġi redatta iċ-ċitazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet meħtieġa sabiex il-persuna mħarrka tkun tista' tħejji d-difiża tagħha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik iċ-ċitazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu ġew indikati

[2] "Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Ramon Mifsud Grech et** – 23/04/2012 (Qorti tal-Maġistrati)."

ħażin, allura l-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux ġew definiti jew ikunu ġew definiti ħażin."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, hija tinnota li mill-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova dwar reat li seħħ *"għal ħabta ta' 18:20hrs"* hekk kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni u b'hekk din il-Qorti tqies li l-appellant għandu raġun fl-aggravju in eżami meta jilmenta dwar il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni meta mqabbel mal-ħin li dwaru ssir riferenza fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti. B'hekk isegwi li din il-Qorti ser tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant minħabba r-raġuni appena msemmija u għaldaqstant ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar dak li jiġi mqajjem mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u dana peress li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Keith Pace u tirriforma s-sentenza appellata billi:

- filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u li minnhom illiberatu,

- tħassaraha u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames (5), tas-sitt (6), tad-disa' (9), tal-għaxar (10) u ta' imputazzjoni numru ħdax (11) (fir-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017 stante li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-14 ta' Lulju 2015 kien laħaq skada) u minflok

tiddikjarah mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**